MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 89/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Bernard Zahra De Domenico**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Bernard Zahra De Domenico talli fl-14 ta' Novembru 2003 fil-kwalita` tieghu ta’ direttur u rapprezentant guridiku tas-socjeta` Vebs Co. Ltd. (C 3987) u/jew bhala wahda mill-persuni nkarigati li jhallas dak li hu dovut lill-impjegati tas-socjetajiet fuq imsemmija, naqas li jhallas il-pagi kollha inkluzi l-kummissjoni kollha u l-bonuses u l-vaganzi kollha ghall-perijodu sal-14 ta’ Novembru 2003 dovuti lill ex-impjegat tieghu John Mizzi fit-tmiem tal-impjieg tieghu fl-14 ta’ Novembru 2003 fis-somma ta’ Lm1307.94c.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmi Bernard Zahra de Domenico jhallas lil John Mizzi l-ammont imsemmi ta' Lm1307.94;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Marzu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Bernard Zahra De Domenico hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-Kap. 452, kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kap. 9 u l-artikolu 22 tal-Kap. 446, illiberatu minn piena, u ordnat li jhallas l-ammonti ta’ tliet mija u sbatax-il liri Maltin (Lm317) u hames mija u tlieta w hamsin liri Maltin (Lm553), b’kollox tmien mija w sebghin liri Maltin (Lm870) lil John Mizzi;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Bernard Zahra De Domenico pprezentat fid-29 ta’ Marzu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni w htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) ma setax jinstab hati li ma hallasx is-somma ta’ Lm317.51 ghaliex huwa kien ghamel dan il-hlas u kien John Mizzi li rrifjuta; (2) l-ammonti l-ohra pretizi mhux dovuti ghax il-kummissjoni kienet dovuta biss wara li l-impjegat jigbor il-hlas tal-bejgh u, fuq kollox, ma saritx prova cara mill-prosekuzzjoni li l-ammont indikat fic-citazzjoni kien dovut u fil-fatt l-ewwel Qorti iffissat ammont *arbitrio boni viri*.

Il-provi mismugha mill-gdid quddiem din il-Qorti kienu fil-qosor is-segwenti:

**John Mizzi** xehed illi huwa kien impjegat ma’ l-appellant bhala *travelling salesman*. Dahal f’Settembru 1982 b’paga

ta’ Lm40 u *commission* ta’ 2.5% fuq il-bejgh li jbiegh u wara erba’ xhur kellu jizdied fil-paga izda zdied wara xi tmien snin fuq ta’ l-gholi tal-hajja biss. Ma kienx hemm gurnata fissa meta jithallas tal-*commission*. Meta l-appellant waqqfu, ta lix-xhud l-ahhar *statement* f’Settembru 2003 b’*outstanding balance*. Skond ix-xhud kien ghadu dovut lilu xi Lm1100 apparti l-*leave* u l-bonus ta’ Dicembru 2003. Qal li nghata n-*notice* fit-8 ta’ Ottubru 2003 meta l-appellant qallu li kellu a l-aar ta’ Dicembru. Wara xahar u nofs hareg bis-*sick leave*. Fis-7 ta’ Jannar 2004 pero` rcieva li kien gie mkecci fl-14 ta’ Novembru 2003 meta huwa kien ghadu qieghed jahdem u l-ewwel gimgha tas-*sick* bdieha fis-17 ta’ Novembru 2003. In kontro-ezami kkonferma li l-ahhar li hadem kien fl-14 ta’ Novembru. Bhala paga ha sal-21 ta’ Novembru. Huwa ma accettax il-pagamenti li sussegwentement offra l-appellant permezz ta’ cekkijiet li baghat il-Labour Office tramite Sarah Bugeja. Jghid li s-somma ma urithilux izda urietu karta biex jiffirma ghac-cekkijiet li m’hemm xejn bejniethom u *termination*. Huwa la accetta c-cekkijiet u lanqas iffirma ghax ma setax jaqbel. Il-figura li huwa kien qieghed jippretendi kienet tirrapprezenta l-ahhar *statement* li kien tah l-appellant fit-12 ta’ Settembru 2003 iffirmat minnu, zied il-karti tan-*note book* li ma kinux fuq l-*invoice book* ghax lilu l-ahhar sena hargu fuq *notebook paper*, u hareg it-2.5% kummissjoni. Irreitera dak li kien diga` qal dwar il-ftehim li kellu ma’ l-appellant u spjega li l-kummissjoni kienet tinhadem darba fix-xahar jew darba fil-hmistax u li l-appellant kien daqqa jaqbad mitt lira, daqqa jaqbad mija u hamsin, daqqa jaqbad mitejn.

**Sarah Bugeja** xehdet li llum tahdem Kastilja bhala *street search analyst* izda fiz-zmien rilevanti kienet tahdem il-Labour Office fejn kien mar ikellimha John Mizzi minhabba l-pendenzi li qal li kellu ma’ l-appellant. Hija rreferiet ghad-dokumenti li gew esebiti quddiem l-ewwel Qorti, ikkonfermat li l-ammont pretiz minn John Mizzi kien ta’ Lm1307.94, li c-cekkijiet li kien baghat l-appellant ghal Lm317.51 ma accettahomx, li l-ammonti inhadmu fuq il-karti li kien jehdilha John Mizzi u li l-ammont li kien jippretendi li kien dovut varja “mhux darba jew tnejn”.

**L-appellant** xehed illi John Mizzi kien jahdem mieghu bhala *salesman* u keccieh fl-14 ta' Novembru 2003. Kien jahdem fuq bazi ta' *commission*, "dak li kien ibiegh x'hin kien jigbor il-flus jiena kont inhallas, pero` jiena dejjem kont inzomm bilanc lura". Kien ihallsu wara li jigbor il-flus peress illi hu kien jaghtri b'konsenja u meta jigbor il-flus ikun ghamel il-bejgh. Il-*commission* kienet 2.5% mis-*sales*. Il-flus kien jigborhom John Mizzi. Qal li ghandu anke ittra mill-Union fejn qed titolbu jhallas fuq bejgh konkluz bil-flus b'kollox. L-appellant sostna li t-talba li ghamel John Mizzi tramite Sarah Bugeja hi mimlija inezattezzi. Qal li qed jitlob il-bonus ta' Gunju u ta' Dicembru meta hu hadem sa l-14 ta' Novembru. Dwar il-bonus l-iehor tas-sitt xhur qal li dak kellu jithallas minn Settembru sa Marzu u hu spicca f'Novembru. Kwantu ghal-*leave*, mill-14 ta' Novembru sa l-ahhar tas-sena kien hemm zewg festi (it-8 ta' Dicembru u t-13 ta' Dicembru li kienu jaqghu s-Sibt u l-Hadd) u ghalhekk ma setax ikun intitolat ghalihom. Dwar is-somma ta' Lm1,119 qal li dawn kien itihomlu li kieku gabarlu l-flus hu. Billi ma gabarhomx peress illi fl-14 ta' Novembru spicca minn mieghu, kellu jhallas lil haddiehor biex jigborhomlu hu. L-appellant qal li c-cekkijiet li ghadda lil Sarah Bugeja jirrapprezentaw il-bilanc li kien ghad baqaghlu jtieh ta' dak li kien lehaq gabar John Mizzi. Fi proceduri migjuba minn John Mizzi quddiem it-Tribunal Industrijali, l-appellant qal li gie deciz li kellu jhallsu tan-notice li suppost hadem mieghu u ma hadimx. Huwa esebixxa kopja ta' din id-decizjoni. In kontro-ezami qal li lil John Mizzi kien qallu f'Ottubru li jekk il-komportament tieghu ma jitrangax, jista' jiqties ruhu mkecci. Fl-14 ta' Novembru rega' gibidlu l-attenzjoni, qallu "isma, jew tirranga jew ara x'ser taghmel", wiegbu "fadalli sena u nofs xoghol ohra, ha nehodhom easy" u l-appellant qallu "mela tista' tikkunsidra ruhek imkecci minn issa". Imbaghad fis-17 ta' Novembru beda jircievi c-certifikati tas-*sick leave*.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, wara li qalet illi dwar is-somma ta' Lm317.50 [*recte:* Lm317.51] gie indikat li kien hemm qbil fuqhom, kompliet hekk:

*"Illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet ghalhekk hija fuq l-ammont ta' Lm990.43 (disa' mija, disghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu), li hu dak mitlub fit-tahrika, minnu mnaqqas l-ammont mhux ikkontestat. Dan il-bilanc kien ikun dovut kollu li kieku John Mizzi baqa' fl-impjieg u gabar il-flus tal-bejgh fuqhom, haga li ma ghamilx. Izda zgur ma jistax jinghad li dan il-bejgh lanqas sar. L-imputat xorta bbenefika mill-impjieg ta' Mizzi, u ghalkemm il-flus tal-bejgh ma ngabarx minn Mizzi, dan il-bejgh effettivament sar, u allura Mizzi jisthoqqlu kumpens, li qed jigi stipulat minn din il-Qorti* ***arbitrio boni viri*** *fl-ammont ta' Lm553.00 (hames mija tlieta u hamsin lira Maltin)."*

Huwa minnu illi l-appellant kien offra lil John Mizzi pagament ta' Lm317.51 permezz ta' numru ta' cekkijiet li thallew ma' Sarah Bugeja u li dawn ma gewx accettati minn John Mizzi peress illi ma qabilx ma' dak l-ammont. Difatti l-ewwel Qorti korrettement qalet illi ma kienx hemm kontestazzjoni dwarhom. Huwa evidenti li l-fatt li giet offruta din is-somma lil John Mizzi ttiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-piena. Huwa wkoll evidenti li meta giet biex tiffissa ammont *arbitrio boni viri* l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li, kif xehed quddiem din il-Qorti l-appellant, kellu jhallas lil haddiehor biex jigbor il-flus – ghalkemm ma qalx x'hallas. Fil-fatt l-appellant ma nnegax li ngabru l-flus ghall-bejgh li ghamel l-appellant, ankorke` mhux minn John Mizzi, Sadattant pero` b'decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-23 ta' Jannar 2006 (Decizjoni Nru. 1660), instab li t-tkeccija ta' John Mizzi ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi u s-socjeta` li maghha kien impjegat John Mizzi giet ikkundannata thallsu kumpens fl-ammont ta' Lm350 ghall-perijodu mill-14 ta' Novembru 2003 sal-31 ta' Dicembru 2003, liema ammont ma jidher li jikkomprendi xejn ghall-*commission* li kienet dovuta lil John Mizzi.

F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex ghalfejn tiddisturba d-diskrezzjoni li uzat l-ewwel Qorti meta ddecidiet li ghandha tillikwida ammont ghar-ragunijiet minnha msemmija. Pero` din il-Qorti, wara li ezaminat id-dokumenti kollha esebiti quddiem l-ewwel

Qorti, wara li qieset illi l-ammont likwidat mit-Tribunal Industrijali jaghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet ta' John Mizzi dwar paga, bonus, ecc. izda mhux ukoll dwar *commission* li ghandu jiehu, tqis gust li mill-ammont globali ta' Lm870 ghandu jitnaqqas l-ammont likwidat mit-Tribunal Industrijali ta' Lm350, biex b'hekk l-ammont li l-appellant ghandu jhallas lil John Mizzi huwa ta' Lm520.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu ordnat lill-appellant ihallas lil John Mizzi s-somma ta' Lm870 u minflok tordna li jhallas lill-istess John Mizzi s-somma ta' Lm520, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------